32006D0615

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Settembru 2006

li tagħti approvazzjoni temporanja għas-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini fir-Renju Unit f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4086)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2006/615/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 91/102/KEE u 64/432/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (2)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jistipula r-regoli għall-ħolqien ta' sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini. Jipprevedi li dawn l-annimali f'razzett għandhom jiġu identifikati fi ħdan il-limitu ta' żmien stipulat f'dan ir-Regolament.

(2) Apparti dan, ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jipprevedi li l-annimali ovini u kaprini għandhom jiġu identifikati bl-ewwel u bit-tieni mezz ta' identifikazzjoni stipulat f'dan ir-Regolament. Jistipula li t-tieni mezz ta' identifikazzjoni jista' jinbidel sa l-1 ta' Jannar 2008 b'sistema li tkun konformi ma' dan ir-Regolament u li tkun approvata mill-Kummissjoni, apparti fil-każ li l-annimali jkunu involuti fil-kummerċ intrakomunitarju.

(3) Għalhekk, l-annimali ovini u kaprini involuti fil-kummerċ intrakomunitarju għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 21/2004. L-Artikolu 4(2)(b) ta' dan ir-Regolament jipprevedi li tali annimali jridu jiġu identifikati bit-tieni mezz ta' identifikazzjoni approvat mill-awtorità kompetenti u jikkonforma mal-karatteristiċi tekniċi stipulati fit-Taqsima A.4 ta' l-Anness tar-Regolament.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/617/KE tas-17 ta' Awissu 2005 li tagħraf temporanjament is-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini fil-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit, skond l-Artikolu 4(2)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 [2], tat approvazzjoni proviżorja lil dawn is-sistemi sat-30 ta' April 2006. Din id-Deċiżjoni pprovdiet għal din l-approvazzjoni għaż-żewġ sistemi biex jiġu riveduti fid-dawl ta' l-ispezzjonijiet imwettqa sal-31 ta' Jannar 2006.

(5) F'kooperazzjoni mar-Renju Unit, il-Kummissjoni wettqet ispezzjonijiet għall-għarrieda fil-post biex tevalwa l-operat ta' dawn is-sistemi u biex tivverifika l-implimentazzjoni ta' l-impenji meħuda mir-Renju Unit li għandhom x'jaqsmu ma' dawn is-sistemi. Ir-rapport finali u pjan ta' ħidma aċċettabbli mir-Renju Unit issa huma disponibbli u ġew diskussi fil-qafas tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(6) Ir-Renju Unit impenja ruħu li jindirizza t-tħassib imqajjem tul l-ispezzjonijiet għall-għarrieda fil-post biex jevalwa l-operat ta' dawn is-sistemi, u b'mod partikolari li jitwettaq f'waqtu l-pjan ta' ħidma propost billi jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jsaħħu s-sistemi biex jiżguraw il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 21/2004 qabel il-31 ta' Diċembru 2006.

(7) Is-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini fil-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom għalhekk jiġu approvati għal perjodu temporanju ġdid sabiex jippermettu s-sostituzzjoni tat-tieni mezz ta' identifikazzjoni għall-annimali ovini u kaprini permezz ta' din is-sistema, minbarra fil-każ ta' annimali involuti fil-kummerċ intrakomunitarju.

(8) Sabiex tevita kull tfixkil tal-kummerċ, l-approvazzjoni temporanja tas-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini fil-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jkollha effett retroattiv sa mit-30 ta' April 2006 biex tkopri l-perjodu sħiħ ta' l-implimentazzjoni tas-sistemi.

(9) L-awtorità kompetenti għandha twettaq fil-post il-kontrolli għall-għarrieda adattati sabiex tivverifika l-implimentazzjoni tajba tas-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.
[2] ĠU L 214, 19.8.2005, p. 63.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini previsti taħt l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 implimentati mir-Renju Unit fil-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, huma hawnhekk approvati għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Mejju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati skond l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004, ir-Renju Unit għandu jiżgura li jitwettqu fil-post verfiki għall-għarrieda adattati kull sena mill-awtorità kompetenti biex jivverifika l-konformità ta' min iżomm l-annimali mar-rekwiżiti tas-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini, kif imsemmija fl-Arikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni